## Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2018/C 191/04)

Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ([2]) qed jiġu emendati kif ġej:

*Fil-paġna 69, fin-Nota ta' Spjega għas-subintestatura tan-NM "**1211 90 86 Oħrajn**", jiżdied it-test li ġej fl-aħħar tal-ewwel paragrafu:*

"7. trab tal-faqqiegħ reishi (*Ganoderma lucidum*)."

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([2]) ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.

## Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2018/C 191/05)

Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ([2]) qed jiġu emendati kif ġej:

*Fil-paġna 182, fin-nota ta' spjega għall-intestaturi tan-NM **"3824 99 92 u 3824 99 93 Prodotti jew preparazzjonijiet kimiċi, magħmula primarjament minn komposti organiċi, li mhumiex imsemmija jew inklużi band'oħra"** ([3]) jiżdied it-test li ġej:*

"Dawn is-subintestaturi jinkludu ż-żjut okso u l-frazzjonijiet tagħhom parzjalment jew kompletament soġġetti għall-esterifikazzjoni, għall-alkossilazzjoni, għall-kondensazzjoni jew għall-idroliżi. Dawn huma prodotti sekondarji tal-Frazzjoni Okso Tqila (HOF) tal-proċessi okso (inkluża s-sinteżi okso) li jinkludu prodotti sekondarji tal-idroformilazzjoni (ir-reazzjoni Fischer Tropsch mill-alkeni għall-aldeidi) u r-residwi ta' distillazzjoni mill-preparazzjoni tal-alkoħoli okso. Dawn jinkludu prinċipalment aldeidi, eteri, etere-alkoħoli, alkoħoli, esteri u aċidi karbossiliċi b'xi ammonti minimi possibbli ta' sustanzi oħra (bħall-olefini u l-paraffini).

Dawn is-subintestaturi ma jkoprux il-prodotti sekondarji tal-Frazzjoni Okso Ħafifa (LOF) tal-proċessi okso li huma magħmulin prinċipalment minn olefini u paraffini (l-intesatatura 2710)."

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([2]) ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.

([3]) ĠU C 319, 26.9.2015, p. 1.